Avviz Numru CCT 80/14/GB

**Kevin Apap**

**vs**

**Living Concept**

Illum 23 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' April, 2014 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf tliet mija u hamsin Ewro (€1,350.00) rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal mejda, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema mejda kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qed jitlob li s-socjeta' ntimata tbiddel il-mejda b'wahda ġdida, liema mejda nxtrat minghandha u hija difettuża.

Wara li r-rikorrent baghat diversi emails lis-socjeta' ntimata, huwa baghat ittra formali bl-ilment tieghu, wara liema ittra, is-socjeta' ntimata ddecidiet illi tbiddel il-parti tal-mejda li kienet difettuża, u cioe' t-'table-top', b'wahda ġdida. Pero', anke din it-'table-top' l-ġdida kienet difettuża. Illi ghalhekk, ir-rikorrent rega' lmenta mas-socjeta' ntimata, pero' din id-darba hija rrifjutat illi terga' tbiddilha.

Ir-rikorrent qed jitlob li titbiddel it-'table-top' jew li jinghata l-flus lura.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jikkummenta illi ma jistax ikun li kwalunkwe xorta mixtrija tkun difettuża ghal darba, darbtejn, u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi ghalhekk, u wara li ra l-provi li ngabu quddiemu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura t-'table-top' difettuża in kwistjoni u tbiddilha ma' wahda gdida, fejn ghandha taccerta ruhha illi din id-darba l-imsemmija 'table-top' tinsab minghajr l-ebda difett, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**